**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Jimmy Muscat ta' 44 sena iben Carmelo u Carmela nee Portelli li joqghod Plot 99, Triq F Camilleri, Xaghra, Ghawdex.**
**(I.D. No 22556G)**

Illum 2 ta' Mejju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-23 t'Awissu 2000 fil-hanut Jimmy Muscat Butcher Shop, f'8th September Avenue, Xaghra, Ghawdex (1) zamm ghall-bejgh prodotti ta' l-ikel (sitta u disghin (96) pakkett) bil-partijiet tat-tigieg ghall-konsum tal-bniedem meta ma kellhomx 'embossed' jew xort'ohra permanentament immarkat jew ittikkettjat sabiex jigu identifikati l-fabbrika produttrici u l-lott, (2) ma kellhomx iddikjarat fuq it-tikketta d-data ta' l-inqas durabbilita, (3) ma kellhomx iddikjarat il-kontenut nett, (4) talli biegh jew zamm ghall-bejgh hwejjeg ta' l-ikel hawn fuq u hawn taht imsemmija ghall-konsum tal-bniedem li t-tikketta ma tinkludix ukoll il-kundizzjoni tal-hazna, (5) zamm ghall-bejgh hwejjeg ta' l-ikel ghall-konsum tal-bniedem li fuqu t-tikketta ma kienx hemm in-numru ta' l-approvazzjoni tal-Veterinarju tal-Biccerija u data tal-qtil jew 'Batch No' tal-prodott hawn taht imsemmija, (sbatax (17)–il pakkett) ta' tigieg ippakkjati u (frozen whole chicken) bit-tikketta tal-hanut tal-laham tas-sid stess.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 7, 4, 8 (1) u 6 (1) ta' l-Avviz Legali 65/92; l-Avviz Legali 65/93 u Avviz Legali 93/95 u artikoli 14 u 70 tal Kap 231.

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u tordna l-konfiska u distruzzjoni ta' l-oggetti esebiti formalment.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur